*Kunsill Lokali Ħamrun*
*Triq id-Duka ta' Edinburgh*
*Ħamrun*
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u sebgħa u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 13 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u sitta u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

*4.1 Proġett tas-Suq*

- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li żewġ kuntratturi sottomettew offerti għal-*finishings* tal-Parkeġġ. Dawn kienu Engenuity Ltd u Electrical and Mechanical Manufacturers Co. Ltd. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Inġinier Jason Vella sabiex jevalwa l-offerti li daħlu.

- L-ispeċifikazzjonijiet għat-tender tal-lift għal-uffiċċju tal-Kunsill tlestew. Ġie deċiż li tinħareġ offerta f'dan ir-rigward.

- Intefgħu disa' kwotazzjonijiet għax-xiri u twaħħil ta' 8 *Airconditioners* għall-uffiċċju tal-Kunsill.

*4.2 Armar ta' dawl għall-Milied*

Fis-5.45pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sur Arthur Azzopardi kien għad fadallu xi flus li ġabar mingħand sidien tal-ħwienet għall-armar ta' dawl u li għadu ma prezenthomx lill-kuntrattur. Is-Sindku spjega li lilu kien qallu li għandu l-flus ta' żewġ ħwienet biss.

*4.3 Attivitajiet Ħamrun Spartans*

Is-Sindku spjega li minn dak li kien miftiehem mal-Ħamrun Spartans ftit li xejn seħħ. Huwa qal li kien kellem lill-President tal-Ħamrun Spartans u lis-Sur Gejtu Debattista fejn qalilhom li dak li kien miftiehem ma sarx.

Fis-6.00pm s-Sur A. Ellul daħal għal-laqgħa

Is-Sur C. Valletta spjega li għalkemm l-intenzjoni tal-Kunsill kien li jipprova jagħmel għal-ġid huwa mportanti li fil-futur ikun ċert li dak li jiġi miftiehem isir. Ġie deċiż li tintbgħat ittra lill-Ħamrun Spartans biex issir laqgħa magħhom kif ukoll mal-membri tas-Sotto Kumitat tal-Kummerċ.

Fis-6.05pm Dr. J. Abela daħal għal-laqgħa.

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għar-rapport li deher f'xi ġurnal dwar *survey* tal-andament tal-bejgħ f'lokalitajiet f'Malta għall-żmien il-Milied fejn il-Ħamrun irriżulta li kellu l-anqas bejgħ.

*4.4 U-Bars fi Triq Villambrosa*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien spezjona l-parti fejn kellhom jitwaħħlu l-*U Bars* quddiem 134 Triq Villambrosa flimkien ma' uffiċċjal ta' Transport Malta fejn ġie nnotat li l-bankina hija wiesa anqas minn 1.2m. Dr. J. Abela staqsa għaliex il-*U Bar* quddiem il-forn ma twaħlitx kif kien ġie deċiż fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku spjega li l-ħsieb tiegħu kien li jekk titwaħħal din il-*U-Bar* ma terġax tinqala wara xi jiem minn Transport Malta u għalhekk xtaq jikseb il-permess meħtieġ. Il-Viċi Sindku spjega li sadattant il-*U-Bars* quddiem 134, Triq Villambrosa għandhom jitwaħħlu peress li hemm permess mill-MEPA. Dr. J. Abela ippropona li temporanjament tissolva l-problema tal-ilma fquddiem il-forn billi tiġi rranġata l-livell tat-triq quddiem l-istess Forn. Is-Sindku wieġeb li diġa nħarġu struzzjonijiet lill-kuntrattur tal-*patching* biex din il-biċċa triq tiġi rranġata. Ġie deċiż li tintbgħat ittra lill-Transport Malta biex jiġi nfurmat illi l-Kunsill ser iwaħħal il-*U-Bars* quddiem 134, Triq Villambrosa kif ukoll quddiem il-forn li hemm fl-istess triq.

*4.5 Kunċert mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru arranġamenti mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali biex isir kunċert ta' siegħa fis-27 ta' Jannar fis-7.30pm ġewwa s-sala tal-Liċeo tas-subien. Il-ħlas mitlub mill-Liċew għall-*watchman* u *technician* huwa dak ta' €100,00 li ser jinqassam bejn il-Kunsill u l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali. Dan ser ikun proġett pilota fejn il-kunċert ser ikun miftuħ għall-pubbliku u mingħajr ħlas.

*4.6 Latrini Pubbliċi*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-jiem li għaddew il-pulizija għalqet il-latrina fi Triq il-Ferrovija minħabba d-diversi abbużi li kien qed ikun hemm fiha. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-kuntrattur u dan qallu li l-Pulizija kienu jafu li meta jsiru *raids* regolari ħdejn id-*Detox* fil-Pieta', dawn il-persuni jiffrekwentaw aktar il-Latrini Pubbliċi fil-Ħamrun. Ġie deċiż li l-latrini jibqgħu temporanjament magħlqa u tintalab laqgħa urġenti mal-Pulizija tal-Ħamrun rigward il-problema ta' abbużi.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn is-7 ta' Diċembru 2010 u t-13 ta' Jannar 2011.

*5.1 Transport Malta – Single Yellow Line fi Triq Eldorado*

*Transport Malta* approvat li ssir *single yellow line* faċċata tal-garaxx 18/20 fi Triq Eldorado, Hamrun tul il-wisa tal-garaxx.

*5.2 Sur Alfred Azzopardi – Allegati ħsarat*

Is-Sur Azzopardi reġa kiteb lill-Kunsill dwar l-allegati ħsarat fil-bir li ġraw 'l fuq minn sena ilu waqt it-tħaffir tas-suq. Ġie deċiż li din il-korrispondenza tiġi riferuta lill-Perit tal-Kuntrattur.

*5.3 Sur J. Blackman – Motor Cycle Bay*

Is-Sur Blackman talab sabiex issir *Motor Cycle Bay* viċin ir-residenza tiegħu 50, Triq San Gejtanu, Ħamrun. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-*Transport Malta*.

*5.4 Sur Joseph Compagno - Sqaq Sant' Antnin*

Is-Sur Compagno ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-istat ta' Sqaq Sant' Antnin. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jara jekk l-isqaq hux propjeta pubblika.

*5.5 Transport Malta – Road Humps fi Triq Sant' Antnin*

Il-Kunsill ġie nfurmat li *Transport Malta* ma approvatx it-talba għall-*Sleeping Policeman* fi Triq Sant'Antnin.

*5.6 Transport Malta – Single Yellow Line fi Triq Barth*

*Transport Malta* approvat li ssir *single yellow line* fi Triq Barth faċċata tal-garaxx 82 tul il-wisa tal-garaxx. Il-Kunsill iddeċieda li jaddotta *policy* li meta jsiru talbiet simili għandu jitlob lill-*Transport Malta* biex tieħu inkonsidirazzjoni l-limitazzjonijiet ta' spazji għall-parkeġġ qabel tikkonsidra talbiet biex jitneħħew *parking bays* faċċata tal-garaxxijiet.

*5.7 Sur Joseph Camilleri – Ħlas bin-nifs*

Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Camilleri biex iħallas kontravenzjoni ta' €230.00 f'pagamenti ta' €50.00 fix-xahar. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*5.8 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Konferenza Ġemellaġġi 2011*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li ġiet approvata l-Konferenza Ġemellaġġi 2011 li ser issir bejn il-11 u 12 ta' April 2011. Il-Kunsilli ġew mitluba jinfurmaw lill-*partners* barranin biex jaraw għandhomx il-ħsieb li jiġu. Il-Kunsilli ser jingħatawi €50 bħala għajnuna finanzjarja għall-kull persuna barranija li tiġi. Ser tingħata għajnuna finanzjarja għall-5 persuni minn kull lokalita' barranija li jattendu. Il-Kunsill ġie mitlub ukoll biex jikkonferma l-ismijiet ta' 5 membri tal-Kunsill inklużi s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li jixtiequ jattendu l-konferenza. L-informazzjoni trid tasal għand id-Dipartiment sat-28 ta' Jannar 2011.

*5.9 Transport Malta – Sleeping Policeman fi Triq Ġuże' Pace*

Il-Kunsill ġie nfurmat li *Transport Malta* ma approvatx it-talba biex issir *Sleeping Policeman* fi Triq Ġuże' Pace fil-viċinanzi ta' Triq il-Lunzjata. Il-Kunsill ġie suġġerit jagħmel *Slow Road Markings*, *Roundels* u tabelli bi *Speed Limits*.

*5.10 Awtorita' tad-Djar - Riġenerazzjoni f'oqsma tal-Binjiet tal-Gvern*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna japplikaw għal-iskema ta' Riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern. Disa' Kunsilli jistgħu jibbenefikaw sa massimu ta' € 75,000.00. Il-proġetti proposti jridu jlaħħqu żewġ għanijiet, proġetti ta' tisbiħ madwar tal-binjiet tal-Gvern u programm edukattiv u ta' taħriġ u inizjattiva soċjali. Il-Kunsill approva li jqabbdu l-perit tal-Kunsill biex isiru passaggi fis-*soft areas* u *refurbishment* Ġnien Anton Buttigieg fil-Qasam tal-Gvern tar-Rabbat.

*5.11 Sur Silvio Gauci – Single Yellow Line faċċata tal-garaxx*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Gauci fejn talab biex titneħħa l-*parking bay* faċċata tal-garaxx tiegħu 18, Triq San Franġisk, Ħamrun għaliex meta tipparkja vettura ma jkunx jista' joħroġ jew idaħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din it-talba lill-*Transport Malta* flimkien mal-*Policy* approvata mill-Kunsill.

*5.12 Sur George Spiteri – Un/loading Bay*

Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Spiteri biex issir *un/loading bay* fi Triq Kappillan Valleta quddiem il-ħanut tiegħu 1A fl-istess triq. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din it-talba lill-*Transport Malta*.

*5.13 Transport Malta – Bollard fi Triq Ħal Qormi*

*Transport Malta* nfurmat lill-Kunsill li t-talba li saret biex titwaħħal *bollard* fi Triq Qormi ma ġietx approvata.

*5.14 Transport Malta – Timed Communal Un/loading Bay fi Triq Joe Gasan*

*Transport Malta* approvat li ssir *Timed Communal Un/loading Bay* fi Triq Joe Gasan fil-viċinanza tal-ħanut 'Satariano House'.

*5.15 Sinjura Margaret Zammit – Talba għall-Bollard*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sinjura Zammit sabiex titwaħħal *Bollard* quddiem il-garaxx tagħha 43, Triq Farsons, Ħamrun. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-*Transport Malta*.

*5.17 Sinjura Mary Borg – Double Yellow Line*

Is-Sinjura Borg talbet biex isir *double yellow line* quddiem il-garaxx tagħha fi 13, Sqaq il-Għajn, Ħamrun. Ġie deċiż li ssir spezzjoni tas-sit.

*5.18 Narcotics Anonymous – Post għal-laqgħa*

Il-Kunsill ġie avviċinat mill-Għaqda *Narcotics Anonymous* fejn talbu biex jiġi identifikat post fejn jistgħu jorganizzaw laqgħat għall-membri tagħhom fil-Ħamrun. Ġie deċiż li jiġi suġġerit li jirreferu t-talba tagħhom lill-Kappillani tal-Parroċċi fil-Ħamrun.

*5.19 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema dwar inizjattiva ta' attivitajiet*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Gvern ser jagħti €7,000.00 lill-Kunsill għaċ-*Chocolate Festival* 2011.

*5.20 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Mistoqsija Parlamentari dwar dawl fi Triq Joe Gasan*

Il-Kunsill ġie mistoqsi dwar possibilta' li jiżdied id-dawl fi Triq Joe Gasan. Is-Sindku spjega li kien hemm arblu tad-dawl fil-post indikat li tneħħa mill-Kunsill Lokali Pieta'.

*5.21 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allokazzjoni Finanzjarja 2011*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2011 ser ikun ta' €602,930.00.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser ikollu laqgħa mal-Pulizija tas-CID fejn ser iressaq il-problemi ta' żieda ta' serq fil-Ħamrun.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minkejja li ntbagħu żewġ *emails* u sar kuntatt telefoniku mas-Sindku ta' Carpineto Romano xorta waħda l-Kunsill ma ngħata l-ebda risposta rigward l-interess ta' Carpineto li terġa ssir il-Palio fil-Ħamrun. Is-Sindku ta' Carpineto Romano kien informa lis-Sur Rene' Monsigneur li sal-Ġimgħa 14 ta' Jannar 2011 kien ser jibgħat risposta bil-miktub lill-Kunsill.

*6.2 Sotto Kumitat 5*

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li saret l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u li l-ġimgħa d-dieħla ser issir laqgħa oħra. Il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ser jaħdem biex iressaq proġett b'valur ta' €10,000.00 għal-finanzjament mill-Gvern.

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Mario Coleiro qed ilesti *script* għal-DVD dwar il-lokalita' tal-Ħamrun mingħajr ħlas.

*6.3 Sotto Kumitat 7*

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li qed jinġabru stimi għall-istampar tar-rapport dwar Żvilupp Sostenibbli. Huwa maħsub li għall-aħħar ta' Frar 2011 ikun stampat u lest. Ġie deċiż li ssir preżentazzjoni lil-Dr. Chris Said u wara lill-Għaqdiet fil-Ħamrun.

*6.4 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul informa lill-Kunsill li attenda laqgħa organizzata mill-MEUSAC dwar proġetti tal-Unjoni Ewropeja.

- Is-Sur A. Ellul informa lill-Kunsill li daħlu ħames offerti għas-Servizz ta' Training għall-40 persuna. Is-Sur A. Ellul, il-Viċi Sindku u Dr. J. Abela nħatru membri tal-Kumitat tal-Għażla biex jevalwaw l-offerti li daħlu.

*6.5 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li l-kumpanija Wise Owl għandha offerta għax-xiri ta' kotba. Il-Kunsill iddeċieda li għalissa jixtri biss Level Describtors.

## 7. <u>Attivita' tal-Karnival 2011</u>

Il-ġimgħa d-dieħla ser jiġi ppublikat l-avviż għal-kwotazzjonijiet biex tiġi organizzata attivita' tal-Karnival fil-Ħamrun.

Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikkonsidra wkoll li jsir Karnival Spontanju fil-Ħamrun.

## 8. <u>Kuntratt – *Civic Design Consultancy*</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kuntratt li jipprovdi għas-Servizz ta' *Civic Design Consultancy* - Perit jiskadi fit-28 ta' Frar 2011. Ġie deċiż li jkun fl-aħjar interess tal-Kunsill jekk il-kuntratt eżistenti jiġi estiż sakemm jitlestew ix-xogħolijiet fuq tal-proġett tal-Parkeġġ. Wara l-Kunsill għandu jikkunsidra kif joħroġ il-kuntratt il-ġdid.

Il-Kunsill approva unanimament li l-kuntratt ta' Civic Design Consultancy mal-Perit Samuel Formosa jiġi estiż temporanjament.

***9.*** **Għażla ta' offerta – *Installation of Electrical, Mechanical and Fire Safety Services at Car Park***

Ġie deċiż li din it-tema titpoġġa fuq l-Aġenda tal-laqgħa straordinarja li ser issir nhar il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm.

**10. Għażla ta' offerta – *Services Tender for Training of 40 persons***

Ġie deċiż li din it-tema titpoġġa fuq l-Aġenda tal-laqgħa straordinarja li ser issir nhar il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm.

**11. Budget Annwali – Sena Finanzjarja Jannar sa Diċembru 2010**

Il-Kunsill iddeċieda li nhar il-Erbgħa 26 ta' Jannar 2011 fis-6.00pm ssir il-Laqgħa tal-Lokalita' biex fiha jiġi diskuss il-Budget Annwali għas-sena finanzjarja Jannar sa Diċembru 2011.

**12. Schedule of Payments**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sat-13 ta' Jannar 2011. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

**13. Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fid-8.40pm

____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
DATA